**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jonathan Ransley]**

**vs**

**Amber Ann Zammit**

**Kumpilazzjoni Numru: 78/2016**

**Illum, 14 ta' Novembru, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Amber Ann Zammit detentrici tal-karta tal-identita` numru 284695M.

Akkuzata talli fix-xhur ta' Ottubru u Novembru 2015, minn gewwa l-istabbiliment Diesel Outlet li jinsab fi Pjazza Sant'Anna, Sliema:

> Ikkommettiet serq ta' flus, hwejjeg, fwieha u arloggi, ghad-detriment ta' Leonard Cassar u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur liema serq huwa ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 267, 268, 279(a), 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputata ghall-akkuza kif dedotta kontriha u l-konferma ta' tali ammissjoni mill-istess wara li nghatat iz-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhha, u stante li r-res furtiva giet kwazi kollha ritornata lura, u stante li l-fedina penali taghha hija wahda netta, qed issib lill-imputat Amber Ann Zammit hatja tal-akkuza kif dedotta kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin.

Finlament, spjegat fi kliem semplici lill-imputata, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**